MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 973/2010

**Stephen Vella (K.I. 96468M) u Sharon Vella (K.I. 17470M)**

***kontra***

**VG Shutter and Concrete Works Limited (C 21877)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-28 ta` Settembru 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrenti huma kredituri tas-socjeta' intimata fis-somma ta' tnax-il elf disa' mija sebgha u tletin Ewro (€12,937) oltre l-imghax legali mit-3 ta' Novembru 2009, u l-ispejjez gudizzjarji tal-mandat bin-numru 2039/09;*

*2. Illi l-fatti li taw lok ghal dan id-dejn huma s-segwenti: fit-tnejn (2) ta' April 2006 l-mittenti kienu ffirmaw konvenju quddiem in-Nutar Pubbliku Robert John Muscat LL.D. sabiex jakkwistaw minghand is-socjeta' intimata zewg appartamenti u zewg garaxxijiet li kienu ghadhom fuq pjanta f'sit fi Gwardamangia. Ir-rikorrenti kienu ghaddew somma ta' ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin elf sitt mija tlieta u ghoxrin Ewro (€25,623) hekk kif jidher minn konvenju anness u mmarkat bhala Dok. SV2;*

*3. Illi l-bejgh tal-propjetajiet mertu tal-konvenju citat ma sehhx, u fit-3 ta' Novembru 2008 kien gie miftiehem, permezz ta' zewg skritturi privati ffirmati mill-partijiet quddiem l-istess Nutar Pubbliku, illi s-somma msemmija aktar il-fuq kellha tigi restitwita lir-rikorrenti, parti mal-biegh tal-appartament bin-numru tnejn (2) u tlieta (3) fl-istess sit. Gie mifthiem ukoll illi jek ma jkunx hemm il-biegh tal-appartamenti u garaxxijiet imsemmija, is-somma dovuta kellha tigi restitwita lill-mittenti mhux aktar tard minn sena minn meta gew iffirmati l-iskritturi privati, jigifieri mhux aktar tard mit-tlieta (3) ta' Novembru 2009, hekk kif jidher mill-iskritturi annessi u mmarkati bhala Dok. SV3 u SV4;*

*4. Illi s-sit imsemmi gie zviluppat mis-socjeta' intimata u nbnew sitt (6) garaxxijiet, sitt (6) appartamenti u penthouse, u minn ricerki li ghamlu r-rikorrenti, jidher li fadal biss penthouse u xi zewg garaxxijiet;*

*5. Illi s-socjeta' intimata naqset li thallas id-dejn lir-rikorrenti kif mifthiem, biss fid-29 ta' Awissu 2009 sar pagament akkont tal-prezz ta' hamest elef Ewro (€5,000) u iehor aktar tard ta' sebat elef sitt mija hamsa u disghin Ewro (€7,695) minn terza persuna, certu Patrick Vella, ghan-nom ta' Victor gauci bhala direttur tas-socjeta' intimata hekk kif jidher minn ircevuti annessi u mmarkati*

*bhala Dok. SV5 u SV6. ghaldaqstant l-ammont originali tnaqqas minn hamsa u ghoxrin elf sitt mija tlieta u ghoxrin Ewro (€25,623) ghal tnax-il elf disa' mija u sebgha u tletin Ewro (€12,937);*

*6. Illi l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lir-rikorrenti huwa dejn cert, likwidu u dovut;*

*7. Illi fic-cirkostanzi jinkorru l-elementi kollha preskritti mil-ligi a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civli, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan ir-rikors jigi deciz bid-dispensa tas-smigh, u fil-fehma tal-mittenti, il-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni valida fil-ligi xi jressqu kontra t-talba tar-rikorrenti, u qed jigi hawn anness affidavit immarkat Dok. SV7 a tenur ta' l-istess Artikolu 167;*

*8. Illi r-rikorrenti jafu personalment il-fatti ghal dak li jirrigwarda dak kollu premess. Dwar dan jistriehu wkoll fuq ix-xhieda ta' dawk il-persuni kollha ndikati fil-lista tax-xhieda annessa ma' dan ir-rikors;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa:*

*1. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' tnax-il elf disgha mija sebgha u tletin Ewro (€12,937) ;*

*2. Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas is-somma msemmija fl-ewwel talba flimkien mal-interessi bl-ghola rata permessa mil-ligi, bl-ispejjez legali nkluzi dawk*

*tal-mandat bin-numru 2039/09, kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku tad-dokumenti esebiti minnhom.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-kumpannija intimata skond il-ligi.

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Rat li fl-udjenza tal-lum deher Victor Gauci ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija konvenuta, debitament assistit mill-avukat tieghu, u fisser il-posizzjoni tieghu. Billi fil-fehma ta` din il-Qorti ma tax prova sabiex juri li l-kumpannija konvenuta ghandha *prima facie* eccezzjonijiet x`taghti kontra t-talba attrici.

Qieset l-atti tal-kawza.

Billi t-talbiet dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw ippruvati, tiddeciedi din il-kawza billi taqta` l-kawza minghajr smigh u -

**1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-kumpannija intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' tnax-il elf disgha mija sebgha u tletin Euro (€12,937).**

**2. Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex thallas is-somma ta' tnax-il elf disgha mija sebgha u tletin Euro (€12,937) bl-interessi kif mitluba.**

**3. Tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluz dawk tal-mandat bin-numru 2039/09.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------